Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

14 ta' Ottubru 2020

**STQARRIJA**

## Żjarat bi gwida fit-Tempji ta' Kordin III

Nhar il-Ħadd, 25 t'Ottubru, Heritage Malta se torganizza żjarat bi gwida ġewwa s-sit arkeoloġiku Neolitiku, it-Tempji ta' Kordin III. Id-dħul huwa bla ħlas iżda, minħabba li l-postijiet huma limitati, il-parteċipanti huma mistennija jakkwistaw il-biljett minn qabel minn kwalunkwe sit jew mużew ta' Heritage Malta.

L-inħawi ta' Kordin, intrinsikament marbuta mal-Port il-Kbir, probabbilment kellhom importanza kbira fi żmien il-preistorja minħabba l-ħafna fdalijiet preistoriċi li nstabu hemmhekk fis-sekli 19 u 20.

Minn dawn, Kordin III biss, li llum hu mmexxi minn Heritage Malta, għadu aċċessibbli, filwaqt li l-oħrajn għosfru maż-żmien sforz l-iżvilupp industrijali f'dawk l-inħawi.

Dan il-kumpless preistoriku ikopri diversi fażijiet min-Neolitiku u jikkonsisti f'serje ta' binjiet megalitiċi. Jinkludi wkoll pavimentar uniku tal-ġebel fuq in-naħa ta' quddiem u karatteristiċi uniċi oħra.

Kordin III ma jkunx miftuħ regolarment bħas-siti aktar magħrufa li jinsabu fil-qrib; l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u t-Tempji ta' Ħal Tarxien. Għaldaqstant, wieħed m'għandux jitlef din l-opportunità li jattendi għal din iż-żjara bi gwida.

Żjarat bi gwida: 9.00am (Ingliż); 10.00am (Malti); 11.00am (Ingliż).

Minħabba r-regolamenti tas-saħħa tal-COVID-19, il-biljetti huma limitati għal 20 ruħ f'kull żjara. Se tittieħed it-temperatura ta' kull min jattendi. Heritage Malta

tirriserva d-dritt li ma tagħtix aċċess lil min ikollu temperatura ogħla minn 37.2 grad jew jekk ikun qed iħossu ma jiflaħx.

Għal aktar informazzjoni, żur www.heritagemalta.org